MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 17/2006

**Natalina sive Nathalie Ciancio (I.D. 16966M)**

***kontra***

**L-Fondazzjoni ghal Servizzi ta` Harsien Socjali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta` Jannar 2006 li taqra hekk –

*Peress illi l-attrici bejn is-6 ta` Dicembru 2002 u d-29 ta` Lulju 2005 kienet impjegata mal-Fondazzjoni*

*konvenuta, u in partikolari bhala Support Worker House Leader mal-Agenzija Sapport ;*

*Peress illi fl-10 ta` Marzu 2004 l-istess attrici, waqt illi kienet qed taqdi d-dmirijiet taghha bhala mpjegata mal-fondazzjoni konvenuta sofriet korriment ;*

*Peress illi, rizultat tal-imsemmi incident, l-attrici sofriet u qed issofri danni kif ser jigi ppruvat fl-andament tal-kawza ;*

*U peress illi l-organizzazzjoni tax-xoghol da parti tal-fondazzjoni konvenuta ma kienx ihares adekwatament u b`mod diligenti s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema taghha fuq il-post tax-xoghol jew waqt il-qadi da parti tal-haddiema ta` dmirijiethom waqt ix-xoghol taghhom ;*

*Peress illi l-incident gara unikament tort tal-fondazzjoni konvenuta minhabba t-tort u / jew negligenza u / jew nuqqas ta` osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti taghha ghar-rigward tas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema taghha fosthom l-attrici kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Peress illi, nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attrici, il-fondazzjoni konvenuta baqghet inadempjenti ;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti in vista tal-premess ghaliex m`ghandhiex dina l-Qorti :*

*1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-fondazzjoni konvenuta hija unikament responsabbli ghall-korriment li sofriet l-attrici fuq u waqt ix-xoghol u ghad-danni konsegwenzjali ;*

*2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici u dan jekk hemm bzonn bl-opra ta` periti nominandi ;*

*3. tikkundanna lill-fondazzjoni konvenuta thallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta` April 2005 kontra l-fondazzjoni konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet prezentata fit-3 ta` Frar 2006 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament il-Fondazzjoni konvenuta tissolleva l-irritwalita` tac-citazzjoni odjerna stante illi l-attrici ma talbitx illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara qabel xejn illi effettivament sehh incident fuq il-post u waqt il-hin tax-xoghol, fejn allegatament korriet l-attrici.*

*2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Fondazzjoni konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur fil-kaz odjern stante illi l-allegat incident, u dan anke kif dikjarat sua sponte mill-attrici fid-dikjarazzjoni taghha, sehh meta terza persuna allegatament aggredixxa lill-attrici, liema terza persuna ma taqax taht l-awtorita` jew l-impjieg tal-Fondazzjoni konvenuta.*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat illi l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda, stante illi l-Fondazzjoni konvenuta bl-ebda mod ma tista` tigi tenuta responsabbli ghall-allegat korriment illi sofriet l-*

*attrici u ghad-danni konsegwenzjali, u dan kif ser jigi ppruvat fil-morti tal-proceduri odjerni.*

*4. Illi ghaldaqstant u sussegwentement, it-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom ukoll jigu respinti stante illi l-Fondazzjoni konvenuta bl-ebda mod ma tista` tigi kkundannata taghmel tajjeb ghad-danni allegatament sofferti mill-attrici.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fondazzjoni konvenuta u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2006 fejn kienet nominata l-Assistent Gudizzjarja Av. Natasha Buontempo sabiex tigbor il-provi tal-attrici.

Rat il-provi (inkluz dokumenti) li ngabru mill-Assistent Gudizzjarju u l-atti tas-seduti kondotti minnha.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Marcel Pisani fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Ronald Attard, ta` Claudio Camilleri u tat-Tabib Carmel Abela.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tat-Tabib Kirurgu Charles Grixti fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2009 u rat id-dokument li pprezenta x-xhud fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta s-Supretendent ta` l-Isptar Mater Dei fit-28 ta` Ottubru 2009.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Brian Gauci u Rita Borg.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-1 ta` Dicembru 2009 fejn hatret lit-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono bhala espert mediku sabiex ifittex u jirrelata dwar l-effetti tal-allegat korriment fuq l-attrici, dwar il-kondizzjoni prezenti taghha, u jistabilixxi jekk kagun tal-incident, kenitx l-attrici garrbet debilita` ta` natura permanenti ; fil-kaz li tirrizulta debilita` allura jistabilixxi r-rata tad-dizabilita`.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Forough Hessabi.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Brian Gauci fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2010.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat l-attrici fis-26 ta` Novembru 2010.

Semghet lill-attrici tixhed in kontroezami fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2011.

Semghet id-deposizzjoni in kontroezami tax-xhud Forough Hessabi fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011.

Semghet ix-xiehda tat-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono u tal-attrici fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2012 u rat id-dokument li pprezentat l-attrici.

Semghet ix-xiehda tat-Tabib Carmel Abela fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li d-difensuri tal-partijiet ghamlu bil-fomm fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **<u>L-incident</u>**

Bejn is-6 ta` Dicembru 2002 u d-29 ta` Lulju 2005, l-attrici kienet impjegata bhala Support Worker - House Leader mal-Agenzija Sapport li taghmel parti mill-Fondazzjoni ghas-Servizzi ta` Harsien Socjali ("il-fondazzjoni"). Fl-10 ta` Marzu 2004, l-attrici garrbet korriment waqt li kienet qed taqdi d-dmirijiet taghha.

L-attrici ddeskriviet l-incident hekk –

Kienet qeghda takkompanja pazjent, Alan Camilleri, ghall-vizta fl-Isptar San Luqa fejn kellu jinghata xi kura. F`mument minnhom, il-pazjent irvella, aggredixxa lill-attrici u kkagunalha l-korriment. Li dak il-pazjent partikolari jirvella, ma kenitx l-ewwel darba. Kien hemm drabi ohra fejn dak il-pazjent sar difficli u vjolenti tant li l-attrici avzat lis-superjuri taghha permezz ta` "incident reports" u spjegat kif il-pazjent agixxa. Talbet ukoll izjed "support"

meta tiehu l-isptar lil dak il-pazjent partikolari. Dak is-support baqa` ma giex provdut.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Il-Qorti ma ssib l-ebda fondament, la bhala fatt u lanqas bhala dritt, ghall-ewwel eccezzjoni. Anke fuq l-iskorta ta` li xehdu persuni ohra, apparti l-attrici, jirrizulta li kien hemm incident li sehh fl-10 ta` Marzu 2004. F`dak l-incident korriet l-attrici. Meta gara l-incident, l-attrici kienet waqt il-qadi ta` dmirijiet b`inkariku tal-fondazzjoni li kienet il-principal taghha.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Bit-tieni eccezzjoni, il-fondazzjoni qeghda ssostni li ma tistax titqies bhala legittima kontradittur tal-attrici ghaliex kienet terza persuna li allegatament aggrediet u korriet lill-attrici, u dik it-terza persuna la kienet taqa` taht l-awtorita` taghha, u lanqas kienet tinsab fl-impieg tal-fondazzjoni.

Mill-kawzali tac-citazzjoni, huwa evidenti illi l-pern tal-azzjoni attrici mhijiex semplici htija "*aquiliana*" da parti tal-fondazzjoni ghal li gralha. Ghax ghalkemm it-tliet talbiet huma dawk li solitament jitressqu f`azzjoni skond l-Art 1031 u l-Art 1032(1) tal-Kap 16, il-kawzali attrici hija

impostata kjarament fis-sens illi l-attrici qeghda tallega illi l-fondazzjoni naqset fid-dmirijiet taghha lejha, senjatament fit-tutela tas-sahha u tas-sigurta` taghha, obbligi dawn naxxenti specifikament mir-relazzjoni “*ex contractu*” li l-fondazzjoni ghandha fil-konfront taghha bhala principal taghha. U kwindi l-kawzali mhijiex indirizzata fis-sens illi tolqot lill-persuna li attwalment ikkaguna l-korriment taghha, izda kontra l-principal taghha li – skond l-attrici – naqas milli jorganizza x-xoghol b`mod illi jipprevjeni milli jigru l-incident u l-korriment.

**Billi fil-fehma tal-Qorti, il-fondazzjoni hija l-legittima kontradittrici tal-attrici, qeghda tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**V. Ix-xoghol tal-attrici**

L-agenzija “Sapport” li taqa` taht ir-responsabilita` tal-fondazzjoni fethet dar il-Fgura bi tliet residenti fiha fosthom il-persuna li kien involut fl-incident taghha. Ir-residenti huma kwalifikati bhala “*klijenti*”. Il-membri tal-istaff kienu tlieta u kull wiehed kien jiehu hsieb klijent wiehed. Il-klijenti kienu persuni verbalment limitati, ibatu biex jiccaqilqu, mentalment ritardati, agressivi fl-imgieba taghhom u, minhabba dan kollu, esigenti hafna. Xahar wara li fethet id-dar, u cioe` ghal habta ta` Dicembru 2002, l-attrici tpoggiet “*house leader*”. Apparti l-“*welfare*” tal-klijenti, bejn il-haddiema kien jinqasam ix-xoghol tad-dar billi wiehed jiehu hsieb il-kcina, l-iehor jiehu hsieb il-hwejjeg u l-iehor jiehu hsieb il-kmamar tas-sodda.

Fix-xiehda taghha, l-attrici taghti deskrizzjoni akkurata ta` kull wiehed mit-tliet klijenti. Fil-qosor, wiehed minnhom – ragel – kien vjolenti u jkisser kull ma jigi ghal idejh tant li hafna drabi bil-kemm zewg haddiema kienu

jsibu tarf tieghu ; iehor – ragel – b`karattru difficli maqtugh ghalih wahdu u jara kif jinbex lill-ohrajn ; l-ohra – mara – bil-burdati u esigenti fis-sens illi hekk kif issib il-kuntrarju jew jekk ma tinghatax dak li trid dak il-hin tinfexx fit-twerzieq u tmur bla kontroll. Il-haddiema kienu jaghmlu l-almu taghhom biex jipprovaw jinvolvu sal-limitu tal-possibbli u tar-ragonevoli lill-klijenti f`mansjonijiet semplici fid-dar izda kienet biss din tal-ahhar li kienet tippartecipa.

Bhala gerarkija, fuq l-attrici kien hemm supervisor. Meta nfethet id-dar tal-Fgura, is-supervisor kienet Lara Bezzina. Fil-laqghat li kienu jsiru maghha, bdew jinsistu li minhabba l-qaghda komportamentali tal-klijenti, f`kull shift ikun hemm haddiem ragel. Din il-htiega twasslet ukoll aktar minn darba lil Forough Hessabi li kienet il-ko-ordinatrici tax-xoghol u superjur ta` Lara Bezzina. It-talba taghhom pero` ma kenitx akkolta ghaliex, skond is-superjuri taghhom, mara u ragel kienu l-istess.

**Ikkunsidrat :**

## VI. <u>Id-dinamika tal-incident</u>

Fl-10 ta` Marzu 2004, il-klijent Alan Camilleri kellu bzonn imur l-Isptar San Luqa. U l-attrici kienet sejra takkompanjah. Skond l-attrici, billi l-klijenti l-ohra ma kienux f`qaghda sewwa, ma seta` jmur hadd iehor minn shabha maghha l-isptar. Talbet li jkollha xi hadd minn barra mid-dar biex ighinha. Saru arrangamenti biex tmur maghha kollega taghha Rita Borg. Maghhom marret ukoll omm il-klijent. Meta waslu l-isptar ghall-vizta, il-klijent tpogga fis-sodda izda t-tabib dam ma wasal u l-klijent kien diga` beda jiddejjaq jistenna. Fil-fatt it-tabib dam ma wasal madwar siegha u nofs. Kif it-tabib wasal, huwa ordna li jsir trattament bil-katater. Marru zewg nurses pero` l-klijent ma riedx jaf. In-nurses irnexxielhom jaghlqu l-katater u telqu.

L-attrici tiddeskrivi hekk li gara wara –

*ahna spiccajna jiena nzommlu idejh biex ma jaqlax il-katater u l-kollega tieghi Rita Borg izzommu minn naha ta` saqajh ghax beda jipprova jqum. Ommu meta rat hekk harget mill-unit biex tghid lil xi nurse biex jigi jaghti daqqa t`id. F`dan il-waqt, Alan ghamel manuvra b`sahha kbira, tani daqqa kbira b`idejh it-tnejn fuq l-istonku u mbuttani sa nofs il-kamra. Dak il-hin hassejt bhal shock fl-istonku tieghi u weggha kbira f`dari. Lil kollega ta` mieghi taha skoss b`saqajh u dak il-hin hasset ugiegh f`ghonqha. Ommu giet bin-nurse maghha u jien ghaddejtlu l-handover ta` Alan. Dak il-hin hassejtni ghejjiena u migugha. Gie t-tabib biex jara l-klijent u dan issuggerixxa li jzommu ghal aktar osservazzjoni peress li din ma kenitx l-ewwel darba u Alan kien ta` eta` zghira u halli jezamina minn x`hiex kienet qeghda tigi din is-sitwazzjoni li zzommlu l-urina. Ommu pero` ma accettatx ghax qalet illi Alan ma joqghodx. Ghalhekk hadnieh lura d-dar u ppreparajna rapport tal-incident fuq dak kollu li gara. Dan ir-rapport tajnieh lil Lara Bezzina.*

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Precedenti</u>**

Skond l-attrici, dik tal-incident ma kenitx l-ewwel darba li Alan Camilleri kien agressiv u vjolenti ; issemmi zewg incidenti precedenti.

Fl-ewwel incident, Alan Camilleri beda jbati minn waqfien ta` urina u kellu jittiehed l-Isptar San Luqa. L-attrici marret mieghu u mar maghha kollega ragel. L-isptar marru omm il-klijent u huh. It-tabib ordna li jsir il-katater biex il-pazjent ighaddi l-urina mill-pipe. Camilleri beda pero` jirrezisti lin-nurse li mar iqieghed il-katater u

sar agressiv mieghu. Kellhom ikunu l-kollega ragel, in-nurse li kien ragel ukoll u hu l-pazjent biex setghu jikkontrollawh halli joqghod ghat-trattament li kien jehtieg. Meta marret lura d-dar, ghamlet rapport ta` li kien gara u kellmet lil Lara Bezzina.

Fit-tieni incident, Alan Camilleri kellu bzonn jerga` jmur l-Isptar San Luqa. L-attrici marret mieghu u kellha maghha kollega ragel. Il-pazjent rega` kellu bzonn il-katater, pero` ma riedha b`xejn. Irnexxielhom jikkontrollawh ghaliex is-sodda fejn tqieghed kellha l-hadid fil-genb. Kienet prezenti wkoll ommu u x`hin raha aktar irvella. L-attrici rega` ghamlet rapport.

**Ikkunsidrat :**

**VIII. <u>Konsegwenzi tal-incident</u>**

Skond l-attrici, wara l-incident tal-10 ta` Marzu 2004, kellha tiehu l-injury leave. U bdiet kura privata ghaliex ghalkemm meta marret l-Isptar San Luqa, u hadulha X-Ray, ma hareg xejn fir-ritratti, l-ugiegh baqa` hemm. Ikkonsultat *chiropracter* u cioe` Dr Elaine Mc Dougall li sabitilha problemi fil-muskoli u fin-nervituri. Ikkonsultat kirurgu ortopediku Mr Charles Grixti li ordnalha tilbes kullar ghaliex l-ugigh beda niezel mill-ghonq ghad-dahar. Fit-2 ta` Novembru 2005, ghamlet MRI u minnu rrizulta li kellha bidu ta` *slip disc* u problema fin-nervituri. Bdiet tattendi *pain clinic* u kienet segwita minn Dr Carmel Abela u l-*pain psychologist* Mariella Michin. Hadet ukoll *injections* fl-ghonq. Minhabba l-ugigh kellha tieqaf mix-xoghol. L-attrici tghid illi l-ugigh ma jippermettilhiex taghmel il-facendi tad-dar, bhal hasil tal-art jew tal-hwejjeg, hjata, tbati fis-tisjir u fl-inxir tal-hwejjeg ghax ikollha tgholli idejha u b`hekk tkompli twegga`. Tkampa fid-dar ghaliex issib l-ghajnuna taz-zewg uliedha billi hija separata minn zewgha.

**Ikkunsidrat :**

## IX. <u>Provi dwar fatti u cirkostanzi ohra relatati mal-incident</u>

### 1. <u>Xhieda</u>

### a) <u>Claudio Camilleri</u>

"Support worker" u wara "house leader". Kien mistoqsi l-aktar dwar l-imgieba tal-klijenti residenti fid-dar tal-Fgura. Ix-xiehda tieghu ttiehdet mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Natasha Buontempo. Minn qari tat-traskrizzjoni ta` li xehed, il-Qorti mhijiex sejra taghtiha affidament ghax kien evasiv u "*non-committal"* fit-twegibiet tieghu ; kwazi reticenti. L-istqarrija tieghu hija kostellata minn risposti bhal "*ma niftakarx*", "*ma rridx naghti ismijiet*" ; sahansitra lanqas ftakar min kienu t-tliet persuni li kienu jahdmu fid-dar tal-Fgura.

### b) <u>Noel Mifsud Bonnici</u>

Kien "support worker" mal-Agenzija "Sapport" meta l-attrici kienet "*supervisor*" tieghu. <u>Ma kienx prezenti meta gara l-incident</u> mertu ta` din il-kawza. Pero` xehed dwar incident iehor li kien jinvolvi lill-istess klijent li ghalih kien prezenti. Il-klijent kellu bzonn imur l-Isptar San Luqa biex issirlu l-katater ghaliex ma kienx qed ighaddi l-urina. Il-klijent huwa twil u mibni. Ma riedx joqghod. U ma setghux izommuh ghalkemm min kien mieghu kien ragel. Ghamel rapport. Ma hadu l-ebda tahrig dwar kif jittrattaw ma` klijenti li jkunu vjolenti jew agressivi. Ma nghataw l-ebda struzzjonijiet dwar kemm persuni ghandhom ikunu ma` klijent. Fir-realta` kienu jkunu zewg "support

workers". Ix-xiehda ta` Noel Mifsud Bonnici taghti affidament.

## c) Rita Borg

"Care worker" mal-agenzija "Support". Xehdet darbtejn ; meta kienet prodotta bhala xhud mill-attrici xehdet *viva voce* ; meta tressqet bhala xhud mill-fondazzjoni konvenuta, xehdet bl-affidavit. Ix-xiehda ta` Rita Borg ghaliex kienet l-unika persuna (apparti l-attrici) mix-xhieda kollha li ddeponew illi kienet prezenti ghall-incident.

Sfortunatament bejn li xehdet viva voce u li xehdet bl-affidavit hemm differenza markata li "*ttappan*" l-attenbilita` ta` dak li qalet.

Meta xehdet *viva voce* Rita Borg tghid illi hi u l-attrici hadu lil Alan Camilleri l-Isptar San Luqa ghall-katater. Ma riedx joqghod lin-nurse u kellhom izommuh huma t-tnejn. Skond ix-xhud, il-pazjent kien kalm ; ma kienx agressiv. Fl-istess nifs tghid ukoll illi kien agitat fis-sens illi l-hin kollu jrid iqum minn fuq l-istretcher. F`okkazjonijiet precedenti, kien difficli li zzommu joqghod. Il-pazjent huwa twil u fih persuna. Dakinhar b`zewg persuni kif kienu ma rnexxielhomx izommuh. Fid-dar tal-Fgura, kien hemm tliet haddiema jahdmu bis-"shift" mat-tliet klijenti li kien hemm. Qalet illi l-klijent ma wzax forza qawwija jew imbotta lill-attrici. Beda jaghti skossi meta kien qed jissara pero` ma tafx li laqat lil l-attrici.

Meta xehdet bl-affidavit Rita Borg qalet illi l-attrici qalghet daqqa minghand Alan Camilleri u spiccat in-naha l-ohra tal-kamra. Baqghu jzommuh bla ma nheles. Fil-kamra dak il-hin kien hemm aktar minn hames persuni.

Fatt li semmiet fl-affidavit izda mhux meta xehdet *viva voce* kien illi waqt li qeghdin jippruvaw izommu lil Alan Camilleri milli jaqla` l-katater, l-attrici kienet qeghda isserrah fuq il-klijent.

**d) <u>Lara Bezzina</u>**

Kienet "residential supervisor" tad-djar tal-Fgura u Kirkop li tmexxi l-Agenzija "Sapport". Ikkonfermat illi l-attrici korriet meta kienet l-isptar ma` klijent li kien resident fid-dar tal-Fgura. Il-pazjent kien Alan Camilleri. <u>Ma kenitx prezenti meta gara dak l-incident</u>. Qabel is-support workers dahlu jahdmu fid-dar tal-Fgura, huma nghataw tahrig. L-attrici kienet tahdem fid-dar tal-Fgura minn mindu fethet. Fid-dar, il-klijenti kienu jiehdu hsiebhom fuq bazi ta` "*one-to-one*". Meta xi hadd mill-klijenti kien ikollu bzonn imur l-isptar, kienu jmorru zewg haddiema mieghu. L-attrici hejjiet rapport tal-incident. Qabel jidhlu jahdmu s-support workers, l-Agenzija ma kenitx taghmel ezami mediku taghhom. Alan Camilleri ma kienx jikkomunika verbalment. Kien jirribella meta kien ikun imdejjaq b`xi haga. Ghalkemm l-isptar kienu jarawh in-nies tal-isptar, is-support workers kienu jmorru mieghu ghaliex kellu mgieba li kienet "*challenging*".

**e) <u>Mario Farrugia</u>**

Professional support worker mal-fondazzjoni. Akkumpanja lill-attrici meta kien mehtieg li Alan Camilleri jmur l-isptar, ghalkemm mhux dakinhar tal-korriment tal-attrici. Tqieghed fuq is-sodda. Ipprovaw ifehmuh li kien se jsir il-katater sabiex ikun jista` jghaddi l-urina. Ipprova jqum pero` mhux kien vjolenti. Biex izommuh milli jqum, kienu hu, huh u l-attrici. Dakinhar daqshekk gara. Huwa ma kienx jahdem fid-dar tal-Fgura izda kien ikun "*on call*" mhux ghal dik id-dar biss izda anke ghall-ohrajn f`kaz ta` bzonn.

**f) <u>Brian Gauci</u>**

Fiz-zmien tal-incident, kien "*Corporate Manager*" tal-Agenzija Sapport. Qabel infethet id-dar, l-attrici ambjentat ruhha mal-klijenti li kienu se joqghodu hemm sabiex tkun *aware* tal-htigijiet taghhom. L-attrici nghatat tahrig fi *crisis prevention and intervention* maghruf bhal CPI. Kienet mghallma strategiji li ghandhom jigu adottati f`mumenti ta` krizi inkluz fejn ikun mehtieg intervent meta klient ikun qed juri mgieba difficli, minghajr ma jqieghed lilu nnifsu, lill-klijent jew lil persuni ohra f`riskju.

Ix-xhud ikkonferma l-incident tal-attrici kien gara tassew pero` qal li incidenti ta` dik ix-xorta kienu "normali" f`sitwazzjonijiet bhal taghhom.

Ix-xhud jaghmel din l-affermazzjoni :

*Mill-investigazzjonijiet li saru mill-Agenzija wara li gie rrappurat l-incident irrizulta li l-attrici kienet qed izzomm lill-klijent milli jqum bil-parti ta` fuq ta` gisimha kollha mserrah fuq idejh u sidru u gara li meta l-klijent ghamel sforz biex jinheles naturalment laqat lill-attrici fl-istonku u mbuttaha lura. Jirrizulta li l-attrici ma kenitx qed issegwi l-istrategija tal-crisis prevention and intervention bil-mod kif ghazlet li zzomm lill-klijent.*

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Brian Gauci xehed illi huwa ra l-*incident report.*

**<u>Il-Qorti tinnota li ghal xi raguni, ir-rapport baqa` ma kienx esebit biex jaghmel parti mill-atti ta` din il-kawza.</u>**

Fil-kontroezami, ix-xhud kompla jghid illi l-attrici kienet qeghda sserrah fuq il-klijent minn qaddu `l fuq u b`hekk poggiet lilha nnfisha f`periklu li twegga`. Il-procedura ndikata kienet li zzommu minn wara rasu u zzommlu idejh minn wara. L-izball tal-attrici kien li marret minn quddiemu u strahet fuq il-persuna tieghu. Skond l-istharrig li sar, dak il-hin tal-incident ma kienx qed isir tqandil izda l-intervent tal-haddiema kien mirat biex il-klijent ma jaqlax il-katater. Kien evidenti li l-klijent kien qed iwegga` bil-katater u kien qed jirreagixxi ghall-ugigh.

**Il-Qorti terga` tinnota li d-dokument mnejn tirrizulta l-istrategija tal-*crisis prevention and intervention* baqa` ma giex esebit biex jaghmel parti mill-atti ta` din il-kawza.**

**g) Forough Hessabi**

Ghall-ewwel kienet *programme development and training co-ordinator* u wara *services manager*. Tixhed hekk dwar is-CPI –

*Through these techniques employees are trained to provide personal space to the clients to reduce anxiety in clients as well as having personal safety for themselves for an arm or leg lenth away from the person who may have challenging behaviour. This course does not suggest any restraining at all. Certain contact such as restraining a person by holding a person down using one`s own body goes againat CPI principles as such handling of clients may causee injury to clients and consequently to such person exercising restraint over such client.*

Ix-xhud qalet illi apparti preparazzjoni akkademika hija kellha esperjenza *hands on.* Ir-rwol taghha kien li taghmel supervizjoni tas-supervisors li kull dar kellha.

Ghalkemm lill-attrici ma kenitx tafha personalment, qalet li taf li l-attrici nghatat tahrig fis-CPI.

## h) **Kontrozami tal-attrici**

Il-kontroezami tal-attrici sar lejn l-ahhar tal-*iter* tal-kawza.

Hija xehdet li kienet *care worker* ma` klijenti b`*challenging behaviour* u *mental disorders*. Qabel infethu d-djar, it-tahrig li nghatat ma kienx isir *one to one* izda *group training*. Kienet ilha sentejn fl-impieg qabel l-incident. Qabel id-dar tal-Fgura kienet hadmet fi tliet residenzi ohra. Li ssir *house leader* kien meqjus bhala promozzjoni minn *care worker*.

Ikkonfermat illi taf x`hinuma s-CPIT. Qalet li t-tahrig kien jikkonsisti f`lecture mhux f`applikazzjoni prattika vera u propja mal-klijent.

Dwar l-incident, l-attrici xehdet illi hija ma kenitx mitfugha fuq il-klijent bil-persuna taghha izda kienet qeghda zzommu minn idejh. Kien taf li kienet kontra r-regola li sserrah il-persuna taghha fuq il-klijent. U kien ghalhekk li hija mhux hekk ghamlet. Inserta li l-klijent tqieghed fuq stretcher minghajr arms u l-klijent kien diga` beda jiddejjaq u kompla jkun irritat meta t-tabib dam ma wasal. Qalet li hi kienet qed izommulu idejh fuq in-naha tac-chest tieghu u kienet fuq il-lemin tieghu. Fl-ebda hin ma kienet mitfugha fuqu. Zammet qrib tieghu bil-wieqfa zzommlu idejh b`idejha t-tnejn. Rita Borg kienet qeghda zzomm lill-klijent minn saqajh in-naha ta` isfel. Fuq il-genb l-iehor tal-klijent ma kien hemm hadd. Id-daqqa li hija qalghet giet fuq l-iskonku. Idejh kienu marbuta fuq sidru u hi kienet qed izzommhom meta beda jirribella.

Ipprecizat illi l-klijent kien bilqeghda mhux mindud. Is-sodda kienet *reclined*.

## 2) Dokumenti

Ix-xhud Marcel Pisani pprezenta r-*records* ta` incidenti li graw fid-dar tal-Fgura. Il-Qorti tinnota illi fejn hemm l-isem tal-klijent, dan thassar b`linka blu skura. Mhu facli xejn tidentifika l-isem imhassar sabiex tabbinah ma` incident. Kien ikun difficli hafna – jekk mhux impossibbli - ghall-Qorti li ssib tarf li ma kienux ghall-inizjali tal-isem u kunjom ta` kull wiehed mit-tliet klijenti li xi hadd qieghed fuq kull rapport.

Fost ir-rapporti li jinvolvu lil Alan Camilleri, hemm dak a fol 161 et seq li gara fid-9 ta` Mejju 2003 ; hemm nota dwar "physical aggression" ; l-"aggression intensity " kienet ta` 4 fuq skala minn 1 sa 5 ; aktar mal-figura tkun gholja, aktar tkun qawwija l-agressjoni.

Incident iehor ta` *intense aggression* (scale 4) li kien jinvolvi lil Alan Camilleri gara fis-17 ta` Mejju 2003.

Incidenti iehor li kienu jirrigwardaw komportament agressiv mill-istess persuna kienu rappurtati fost ohrajn fit-22 ta` Mejju 2003, 26 ta` Mejju 2003, 14 ta` Gunju 2003, 18 ta` Gunju 2003, 20 ta` Gunju 2003, 23 ta` Gunju 2003, 25 ta` Gunju 2003, 28 ta` Gunju 2003, 1 ta` Lulju 2003, 5 ta` Lulju 2003, 8 ta` Awissu 2003, 11 ta` Awissu 2003, 3 ta` Settembru 2003, 7 ta` Settembru 2003 u 24 ta` Ottubru 2003.

Kumment li sar ta` spiss fir-rapporti kien ighid : "*physical aggression directed to staff*".

Atti simili jirrizulta li graw diversi drabi mill-istess klijent fix-xhur ta` Mejju, Gunju, Lulju u Awissu 2004.

Kien prezentat il-ftehim kollettiv bejn il-Fondazzjoni u l-Union Haddiema Maghqudin ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Jannar 2007 u l-31 ta` Dicembru 2010 – allura l-ftehim kollettiv wara l-incident.

Dwar materji ta` sahha u sigurta`, id-dokument ighid hekk –

*Konxji mill-attenzjopni li ghandha tinghata s-sahha, is-sigurta` u l-ambjent fuq il-post tax-xoghol, il-partijiet jaqblu li dan l-aspett ikun parti mill-oggettivi kemm tal-Manigment kif ukoll ta` l-impjegat permezz tar-rapprezentanti taghhom it-tnejn.*

*Il-Fondazzjoni ghandha tara li l-impjegati kollha sa fejn hu possibbli ma jigux esposti ghal agressjoni jew perikli evitabbli. F`kaz ta` agressjoni jew perikli l-Manigment ghandu jigi nfurmat mill-aktar fis possibbli. Waqt li l-impjegati jkun qed jaqdu dmirijiethom lil hinn mill-post tax-xoghol, f`cirkustanzi riskjuzi, il-Manigment ghandu jassigura li dawn l-impjegati ikunu protetti kemm jista` jkun.*

*Ghal dan il-ghan il-Fondazzjoni ghandu jkollha policies cari dwar x`ghandu jsir f`kaz ta` agressjoni bejn klijenti u impjegati. F`dan il-kuntest jinghata kunsiderazzjoni ghall-fatt li l-klijenti b`challeging behaviour jesponu impjegati ghal sitwazzjonijiet difficli u ghalhekk il-Manigment ghandu jiehu l-prekawzjonijiet necessarji.*

*Impjegat li jkun imsejjah jassisti f`kaz ta` overdose, abbuz jew f`xi kaz iehor ta` natura delikata hekk kif approvat mill-Manigment ghandu dejjem ikun akkumpanjat minn impjega iehor, skond in-natura tal-kaz, hlief meta l-klijent ikun diga` ttiehed l-isptar jew ikun hemm it-tabib jew professjonist iehor prezenti.*

*Minhabba n-natura partikolari tax-xoghol tal-Fondazzjoni l-impjegati fil-Fondazzjoni ghandhom ikunu provduti b`servizz ta` assistenza …*
**Ikkunsidrat :**

**X. <u>Dritt</u>**

**Ghalkemm il-principji tal-htija kif imsawra fil-kuntest tal-Art 1031 u 1032(1) tal-Kap 16, jistghu jigu applikati <u>in linea generali</u> ghall-kaz tal-lum, l-azzjoni attrici tibqa` wahda <u>partikolari</u> msejsa fuq ir-relazzjoni *ex contractu* veljanti bejn impjegat u principal fejn jidhol il-harsien tas-sahha u tas-sigurta` tal-impjegat.**

<u>In linea generali</u>, kwalsiasi azzjoni (pozittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diligenza ta' *bonus paterfamilias.* Ghandha tkun akkompanjata wkoll minn dak il-bwon sens li z-zmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew jkunu jiddettaw. Din hija l-bazi preventiva li l-ligi taghna tigbor fiha u dan sabiex tbieghed lill-persuna mill-htija u tevita li ssir hsara, anke ghal dak li jirrigwarda hsara potenzjali.

Prettament fil-qasam tal-infortunistika fil-kamp tax-xoghol, il-Qorti tirrileva illi fl-1 ta` Mejju 2001, dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-2000 dwar l-Awtorita' dwar is-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, illum Kap 424 tal-Ligijiet ta` Malta. Bis-sahha tal-Kap 424, thallew jibqghu fis-sehh regolamenti li kienu saru taht l-Ordinanza dwar il-Fabbriki 1939 u taht l-Att VII tal-1994 dwar il-Promozzjoni dwar is-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol. Dawn iz-zewg ligijiet kienu l-prekursuri tal-Kap 424.

Bis-sahha tal-Kap 424, fl-24 ta` Jannar 2013 – u allura **<u>qabel</u>** l-incident tal-attrici – dahal fis-sehh korp ta` regolamenti ta` importanza kbira maghruf bhala l-**<u>Avviz</u>**

**<u>Legali 36 tal-2003</u>** imsejjah Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol.

L-**<u>Art 4</u>** jelenka d-dmirijiet generali ta` min ihaddem –

*(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f 'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*

*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*

*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg :*

*Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol :*

*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta` aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

Fl-**<u>Art 5</u>** il-ligi telenka dmirijiet ulterjuri ta` min ihaddem –

*Minghajr hsara ghall-generalita` tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li*

*jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment -*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogh u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà ;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal- haddiema li jistghux jigu evitat u ghandu jikkontrollahom mill-bidu ;*

*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmirr tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha.*

L-**<u>Art 6</u>** jittratta dak li huwa maghruf bhala *the risk assessment* jew l-evalwazzjoni tar-riskju da parti ta` min ihaddem. Id-disposizzjoni taqra -

*(1) Minghajr hsara ghall-generalità ta' dan kollu, min ihaddem ghandu jevalwa r-riskji ghas-sahha u s-sigurtà, fost l-ohrajn fl-ghazla tat-taghmir tax-xoghol, is-sustanzi kimici u l-preparazzjonijiet kimici wzati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli.*

*(2) Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-ahhar subregolament, u kif necessarju, min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex jippreveni riskji ghas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol u ghandu jikkontrolla dawk il-fatturi li jistghu jaghtu lok ghal incidenti jew li joholqu riskju ghas-sahha u, jew sigurtà fuq il-post tax-xoghol inkluz fejn necessarju billi jbiddel metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, sabiex jigi zgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurtà :*

*Izda dawn il-mizuri ghandhom ikunu integrati fl-attivitajiet kollha u fil-livelli gerarkici kollha fi hdan l-impriza u, jew l-istabbiliment.*

*(3) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknologiji godda jkun s-suggett ta` konsultazzjoni mal-haddiema u, jew mar-rapprezentanti taghhom, fejn jidhlu l-konsegwenzi tal-ghazla tat-taghmir, il-kondizzjonijiet tax-xoghol u l-ambjent tax-xoghol ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema.*

*(4) Min ihaddem ghandu jiehu l-passi xierqa sabiex jizgura li jkunu biss dawk il-haddiema li jkunu rcevew tahrig adegwat u xieraq li jkollhom access ghal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u specifiku.*

L-**<u>Art 15</u>** jittratta **<u>specifikament</u>** l-obbligi tal-haddiema. Jaqra –

*(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-tahrig u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*

*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li :*

*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni ;*

*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu ;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett ;*

*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni ;*

*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta` zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema fuq ix-xoghol ;*

*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta` zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom.*

**Ikkunsidrat :**

## XI. <u>Gurisprudenza</u>

Kopjuza hija l-gurisprudenza tal-qrati taghna fil-qasam li dwaru tittratta s-sentenza tal-lum.

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal sentenza wahda, li fil-fehma taghha, tigbor b`mod artikolat, komprensiv u metodiku l-hsieb tal-qrati taghna fil-qasam taht ezami. Il-Qorti qeghda tirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) moghtija fid-29 ta` Settembru 2011 (mhux appellata) fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited</u>**".

Il-Qorti qalet hekk –

*Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi ;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun*

*qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru ;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel ;*

*Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol" jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent*
*li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu ;*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu*

*wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha ;*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria ;*

Fis-sentenza, il-Qorti ghamlet riferenza ghal din il-gurisprudenza : Qorti tal-Kummerc – 9 ta` Settembru 1981 – **Godfrey Borg vs George Wells et noe** ; Qorti tal-Kummerc – **Calleja vs Fino** – 10 ta` Ottubru 1980 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili – 30 ta` Ottubru 2008 – **Richard Farrugia vs Elbros Construction Limited** ; Prim`Awla tal-Qorti Civili – **Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd** – 9 ta` Ottubru 2003 ; Qorti tal-Appell – **Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd** – 9 ta`

Jannar 2009 ; Qorti tal-Appell – **Christian Bugeja vs Dr Gerald Montanaro Gauci** – 14 ta` Mejju 2004 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili – **David Gatt vs Peter Calleja** – 30 ta` Mejju 2002 ; Qorti tal-Appell – **Galdes vs Micallef** – Kollez. Vol. XLVIII.i.59 – 20 ta` Jannar 1964 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili – **Onorato Bugeja vs Dennis Agius** – 31 ta` Jannar 2003 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili – **Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et** – 3 ta` Ottubru 2003.

**Ikkunsidrat :**

## XII. Dottrina

In aggunta ma` li diga` nghad, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qal **Munkman** fil-pag 129 tas-Seba` Edizzjoni ta` "**Employers` Liability at Common Law**" (Butterworths) fejn elenka diversi modi kif min ihaddem jista' jonqos milli jwettaq l-obbligi tieghu :

*1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligation.*

*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger and doing nothing to remedy it.*

*3. Thirdly the employer knowing of a defect on his plant or premises or of a danger in the course of the work may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*

*4. Fourthly though the employer does not know that anything is wrong it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care.*

**Whincup** fil-ktieb tieghu **"Modern Employment Law"** ($6^{th}$ Edition - 1990) jaghmel dawn l-ossertvazzjonijiet :-

*The employer is to select qualified people to do his work, to provide training where necessary, and in particular to ensure that those in charge have the knowledge and ability to see that the work is done safely.*

*The employer must ensure that the employee knows the dangers.*

*The employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers.*

*The employer must ensure that the precautions are available.*

*The employer must ensure that the employee knows the precautions are available.*

*The precautions taken in the trade or industry as a whole provide very important evidence of the appropriate standard of care in any particular case. But because of familiarity the general trade practice may be to ignore an obvious danger, or to treat it as an occupational hazard about which little or nothing can be done when in fact precautions are both feasible and necessary. Any such attitude will be rejected by the court for otherwise there would be the very odd doctrine that if enough employers in an industry disregarded all precautions, however obvious they may be, and follow a dangerous practice, then they cannot, any of them, be held liable in negligence.*

Fid-dottrina Ingliza, erbgha huma l-elementi li jaghmlu "an unsafe system of work" :-

*1) That the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably forseeable.*

*2) That there were practicable means of obviating such risk.*

*3) That the plaintiff's injury was caused by the risk in question.*

*4) That the failure of defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety.*

**Ikkunsidrat :**

**XIII. <u>Responsabilita`</u>**

Kull incident ghandu l-istorja partikolari tieghu u l-principji suesposti ghandhom jigu applikati b'riferenza ghall-fattispece ta' kull kaz tenut kont ukoll tal-obbligu legali kemm tal-principal kif ukoll tal-impjegat.

Fil-konsiderazzjoni tar-responsabilita`, din il-Qorti tibda billi ticcita dak li qal Lord Macmillan fil-kawza <u>*Glasgow Corporation vs Muir*</u> [1943 A.C. 448 pg.457, 2 All E.R. 44 pg.48] :-

"*The standard of foresight of the reasonable man is in one sense an impersonal test. It eliminates the personal equation and is independent of the idiosyncracies of the particular person whose conduct is in question. Some persons are unduly timorous and imagine every path beset by lions others of more robust temperament fail to forsee nonchalantly and disregard even the most obvious dangers. The reasonable man is presumed to be free both from over-apprehension and from over-confidence*."

Irrizulta bhala fatt inkontestat illi l-attrici kienet qeghda tahdem bhala *care worker* ma` persuni mhux daqstant bi bzonnijiet specjali izda ma` persuni hekk maghrufa bhala ta` *challenging behaviour.* U cioe` bi problemi ta` mgieba difficli, minhabba l-qaghda mentali prekarja taghhom, li ghalkemm ma thallewx f`istituzzjoni u tpoggew f`dar, l-attenzjoni li kienu jehtiegu kienet tali li kienet titlob l-assistenza ta` care worker ma` kull klijent. Wiehed irid joqghod attent illi f`qasam daqstant sensittiv

ma jintilifx fi *cliches.* B`*challenging behaviour*, hemm inkluzi atti ta` aggressivita` specjalment fil-konfront tal-care workers infushom. Dan ifisser illi l-haddiema tal-Agenzija Sapport inkluza l-attrici kienu esposti ghal riskji ghas-sigurta` taghhom. U ghax ir-riskju jew periklu ma kienx merament potenzjali izda reali, kien jinkombi fuq il-konvenuta l-obbligu li bhala principal tevalwa r-riskji u tiehu passi effettivi ta` prevenzjoni.

Issa fil-kaz tal-lum irrizulta li l-klijent partikolari u cioe` Alan Camilleri kellu precedenti ta` aggressivita` - kif jixhdu l-incident reports – specjalment meta ma jiehux dak li jrid jew li jistenna li jinghata fil-pront ; del resto il-qaghda tieghu ma kenitx tipprezenta xort`ohra. Cio` nonostante ghalkemm irrizulta li kienu jsiru rapporti, x`kien isir minn dawk ir-rapporti
ma rrizultax u cioe` x`passi kienet tiehu l-konvenuta biex iddur dawra sewwa mal-organizzazzjoni tax-xoghol halli tipprevjeni incidenti fejn jigu aggrediti l-care workers mill-klijenti.

Il-*history* ta` dak il-klijent partikolari kienet tirrikjedi *per dire il meno* attenzjoni partikolari mhux biss minhabba l-qaghda mentali tieghu izda anke minhabba l-istatura twila u mibnija tieghu, kif ukoll l-eta` zghira tieghu. Din il-Qorti tghid l-ebda paragun mal-attrici li tidher ta` statura zghira.

Jirrizulta li l-klijent kellu problemi fisjologici ta` kif ighaddi l-urina b`mod naturali. U meta l-care workers kienu jintebhu anke min-nappies li kienu jlibbsu illi ma kienx qed inehhi l-urina b`mod naturali, kienet tinqala` l-htiega li jittiehed l-isptar biex issirlu l-katater.

Irid jinghata illi t-tqeghid ta` kateter hija *an invasive procedure* li jekk mmhux dejjem tikkaguna ugiegh certament tikkaguna inkonvenjent, u dan ghal nies “normali”, multo magis ghal min sfortunatament “normali”

mhuwiex. Minhabba l-precedenti, il-Qorti kienet tistenna mill-konvenuta li tfassal procedura fejn min ikollu jiehu lill-klijent l-isptar ikun f`qaghda li jaghtih l-ghajnuna li hemm bzonn u jezercita kontroll fuqu jekk ikun il-kaz.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi s-sistema tax-xoghol tal-konvenuta fil-kaz in kwistjoni falliet ghal kollox billi halliet l-approssimazzjoni tipprevali minghajr wisq hsieb jew riflessjoni.

Ghal din il-Qorti huwa komdu hafna ghall-konvenuta illi tghid illi kien hemm strategija maghrufa bhala CPI li l-haddiema kienu edotti u mharrga fiha. L-attrici tikkontesta li kellha tahrig izda kellha biss lecture dwar il-metodologija. Il-konvenuta tghid illi kien hemm tahrig veru u propju. Pero` dettalji l-konvenuta ma tat propju xejn meta kien jinkombi lilha l-oneru li tispjega kif l-istrategija kienet komunikata lill-impjegati u aktar minn hekk verifikata biex jigi stabbilit l-applikazzjoni u t-twettieq effettiv taghha.

Qalb il-partita provi u dokumenti li l-Qorti kienet rinfaccjata bihom, mqar gab kopja tal-istrategija biex il-Qorti tkun tista` taghmel l-accertamenti taghha. Mqar resaq xi ufficjal tal-konvenuta biex jispjega x`mizuri ta` prevenzjoni effettiv ta` incidenti l-konvenuti kienet fasslet u kif organizzat is-sistema tax-xoghol taghha biex tbieghed kemm tista` l-incidenti. F`dan ir-rigward, il-Qorti baqghet sajma kwazi ghal kollox.

Huwa imprudenti hafna ghall-konvenuta li tittenta tiskarika kollox fuq l-attrici ghaliex skond hi l-attrici ma osservatx il-procedura tal-CPI. Tistaqsi l-Qorti : fejn taf il-konvenuta li l-korriment tal-attrici gara ghaliex naqset hi ? Issemmiet investigazzjoni pero` l-esitu bil-miktub tal-investigazzjoni baqa` mistur ghall-Qorti.

L-unika persuna li xehdet fil-kawza u li assistiet ghall-incident apparti l-attrici kienet Rita Borg. Il-Qorti mhijiex hasha mistrieh li tista` taghti affidament shih ghal li xehdet Rita Borg minhabba diskrepanzi bejn dak li xehdet viva voce u dak li qalet bl-affidavit.

Mid-dinamika tal-incident, fl-assjem taghha, il-Qorti mhijiex tara kif l-attrici ma osservatx il-protokoll CPI. Irrizulta li l-klijent kien agitat ghaliex kien ilu jistenna fuq l-istretcher lit-tabib ghal siegha u nofs shah. Mal-klijent, il-konvenut baghtet zewg care workers nisa. Anke persuna “normali” kienet “tiddispra” ahseb u ara persuna b`*challenging behaviour.* Agitat kif diga` kien, il-klijent kellu jissapporti l-katater u ghalhekk sar aggressiv literalment irid “itajjar” lil kulhadd minn quddiemu. U ghalhekk l-insensitivita` tal-konvenuta : kemm mal-klijent kif ukoll mal-impjegati taghha. Irrizulta li l-klijent kien bil-qeghda “inklinat” mhux mindud. Kif bdiet l-agitazzjoni tieghu, Rita Borg zammitu minn saqajh, l-attrici minn idejh. Ma hemmx il-prova li l-attrici “strahet” fuqu. U l-Qorti tghid illi anke li kieku gara hekk, ma kenitx sejra tkun dik *l`ultima gocca che avrebbe traboccato l`vaso.* Ghax fil-verita` kienet fejn kienet u kif kienet l-attrici ma kienx il-punt. Taghmel sens hafna l-verzjoni tal-attrici li kienet qeghda zzommlu idejh it-tnejn bla ma sserrah fuq il-klijent. Il-klijent – miskin – ma felahx aktar u bir-reazzjoni istintiva tieghu laqat lill-attrici fuq l-iskontru (probabilment b`idejh) u waddabha fl-art bil-konsegwenza li kkagunalha korriment.

Facli hafna ghall-konvenuta li tfittex fil-protokolli taghha biex issib fejn naqset l-attrici meta kull ma kellha taghmel kien illi torganizza x-xoghol taghha b`mod illi fi *problem cases* bhal ma kien il-klijent in kwistjoni tohloq sistema ta` xoghol aktar effettiva li taghti garanzija ta` sigurta` - *occorrendo* ghalkemm mhux biss – billi l-care workers ikun ta` tnejn pero` mara u ragel.

Ghal din il-Qorti dak kien ikun l-ovvju pero` c-cavetta tas-soluzzjoni setghet tkun ko-ordinament aktar mahsub mad-Dipartiment tas-Sahha biex tahseb ghal sitwazzjonijiet ta` dik ix-xorta.

Naturalment mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li taghti soluzzjonijiet. Certament pero` l-konvenuta ma kellhiex *a safe system of work in place* u huwa ghal kollox *unfair* ghall-ufficjali tal-konvenuti li jfittxu *scapegoat* fl-attrici.

Kieku tassew il-konvenuta ghamlet *risk assessment* kif kien obbligu taghha li taghmel kienet tkun fil-qaghda li tagixxi mhux fuq il-karta izda skond pjan preciz ta' evaluazzjoni u kontroll tar-riskju u mhux jittratta l-mizuri ta' intervent rimedjali daqs li kieku dawn kienu *a game of chance*.

Kull min ihaddem ghandu d-dover u l-obbligu li jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli kollha sabiex jissalvagwardja s-sikurezza u s-sahha tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol. Dan id-dover ta' min ihaddem isib il-pern tieghu fil-harsien tal-haddiem minn dawk ir-riskji li huma inerenti u normali fix-xoghol li jkun qed jigi gestit fuq il-post tax-xoghol. F'dan il-kuntest il-Qorti tghid illi l-konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi taghha. Ghalhekk issib lill-konvenuta **unikament** responsabbli ghall-incident u ghall-korriment tal-attrici.

**Ikkunsidrat :**

**XIV. Provi dwar id-danni**

**Mill-assjem tal-provi kif dawn jirrizultaw mill-atti tal-kawza, mhuwiex jirrizulta illi l-attrici qeghda tirreklama "damnum emergens".**

Il-Qorti sejra tmur ghalhekk ghal dawk il-provi li tqis rilevanti ghall-fini ta` "**lucrum cessans**".

Irrizulta li meta l-attrici kienet impjegata mal-konvenuta, kienet iccertifikata illi la tbati minn problemi fid-dahar u lanqas fin-nervituri.

Fiz-zmien tal-incident, kellha paga *gross* ta` Lm 357.08c3 fix-xahar. **Din il-figura ma kenitx kontestata**. Li jfisser li l-attrici kellha paga *gross* ta` Lm 4284.99c6 ekwivalenti ghal **€9981.36c** fis-sena.

Irrizulta li wara l-incident l-attrici ghamlet zmien bl-*injury leave* u wara li dahlet lura ghax-xoghol ma setghet tmur lura ghax-xoghol li kellha bhala *care worker.* Kienet offruta xoghol bhala *cleaner* pero` b`li gralha ma setghetx tkampa u kwindi rrizenjat mill-impieg. **Dawn huma l-fatti nkontestati**.

Irrizulta li meta gara l-incident, l-attrici kellha **38 sena**. Twieldet fl-1966.

Irrizulta li bhala konsegwenza l-attrici ggarrab debilita` ta` natura permanenti.

L-istorja ta` kif svolgiet id-debilita` hija din –

Il-fizjoterapista **Ronald Attard** xehed illi l-attrici kienet riferuta lilu minn Dr Carmel Abela fil-5 ta` Jannar 2007. Kellha *right myofacial pain syndrome* u ugigh fl-ghonq relatat mac-C5 *prolapsed disc*. Huwa sab li kellha *muscular spasm* u *decreased range of movement* fl-ghonq. Ippreskrieva trattament konssistenti minn shana tal-muskolu u *stretching exercises* fuq l-ghonq. Ghalkemm sar it-trattament, l-ugigh baqa`. Anke wara li

kompla jsegwi lill-pazjent. Fil-fehma tieghu, il-kondizzjoni taghha kienet saret kronika.

It-Tabib Konsulent **Carmel Abela** – espert fil-kura tal-ugigh – xehed illi ra l-ewwel darba lill-attrici fit-23 ta` Dicembru 2005 wara li kienet riferuta lilu minn Mr Charles Grixti. Ikkostata *hypertension injury* tal-ghonq. Ma rriskonta l-ebda *pre-existing condition* fil-pazjenta. Xehed hekk -

… *meta ezaminajtha sibt li kienet qed tbati minn ugigh u twebbis tal-muskoli tal-ghonq specjalment f`dawk ta` wara tal-ghonq kif ukoll fil-muskoli ta` wara l-ispallejn (rapezius muscle). Kellha diversi postijiet fl-istess muskoli li jissejhu trigger points li kienu iesbsin hafna u li kienu qed jikkawzalha hafna ugigh meta tmisshom. Mill-bqija tal-ezami ma rrizulta lk-ebda abnormalitajiet ohra.*

Nonostante l-kura li taha – inkluz b`injezzjonijiet u fizjoterapija – il-kondizzjoni taghha baqghet li kienet.

It-Tabib Kirurgu **Charles Grixti** irrilaxxja certifikat ***ex parte*** datat **18 ta` Ottubru 2004** li jaghmel parti mill-atti tal-kawza. Fid-dokument jinghad hekk -

*Ms Ciancio sustained a soft tissue injry to her neck with a nerve root irritation from her neck as a drect result of the accident in question. Although her condition has improved considerably since the time of the accident the patient remained symptomatic.*

*She is limited in that she is unable to stay with her neck bent for any length of time as in sewing, knitting or even peeling. She is unable to lift, pull or push heavy objects and is unable to reach to for things.*

*These limitations affect the patient`s way of life.*

*I rate the patient`s permanent residual disability at **12%** (twelve per cent).*

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert mediku **Dr Anthony Galea Debono** ighid illi sab fl-attrici limitatazzjoni tal-movimenti kollha tal-ghonq u kellha hafna *tender spots* f`ghonqa u tul is-sinsla cervikali u dorsali. Sostna li s-sintomi li kienet qeghda tilmenta minnhom kienu konsegwenza tal-incident li tal-10 ta` Marzu 2004. Skond l-espert mediku, dawk is-sintomi kienu mistennija li jissussistu indefinittivament. Sostna li l-ugigh kroniku li minnu kienet qeghda tbati l-attrici, u l-inabilita` li taghha li taghmel hafna affarijiet basici fil-hajja ta` kuljum, kienu qeghdin jikkawzaw dizabilita` permanenti, li fil-fehma tal-esper mediku kienet tammonta ghal **10%.**

Lejn l-ahhar tal-kawza, qamet il-kwistjoni li l-attrici kienet qeghda tallega li tehtieg spiza rikorrenti biex tittratta l-ugigh li baqa` jippersisti.

Dwar din il-materja rega` xehdu kemm Dr Carmel Abela kif ukoll Dr Anthony Galea Debono. Is-sostanza tad-deposizzjoni taghhom kienet illi proceduri bhal *hydrotherapy* ighinu biex jagevolaw l-ugigh l-aktar meta dan ikun kroniku. Skond Dr Abela, dan it-trattament mhuwiex bla hlas.

**Ikkunsidrat :**

**XV. Likwidazzjoni tad-danni**

**a) Damnum emergens**

**L-attrici ma ressqet l-ebda prova ta` *damnum emergens.***

## a) **Lucrum cessans**

Ghalkemm l-attrici kellha thalli l-impieg taghha ghaliex ma setghetx tkompli fl-impieg li kellha kagun tad-debilita` li gab l-incident de quo, jibqa` l-fatt illi d-debilita` tal-attrici mhijiex totali izda cirkoskritta ghall-figura ta` **10%** determinata mill-espert mediku. U dik id-debilita` ghal din il-Qorti tikkostitwixxi prova – anke ghaliex mhijiex kontradetta.

Ghalkemm wara l-incident ma jirrizultax li l-attrici baqghet tahdem hija xorta wahda ghandha jedd ghal risarciment ta` danni ghal *lucrum cessans.*

Il-Qorti mhijiex sejra taghmel riferenza ghall-istanzi fejn il-gurisprudenza tal-qrati taghna tat risarciment anke lil dawk il-persuni li qatt ma kienu *gainfully occupied* ahseb u ara l-attrici li fiz-zmioen tal-incident kienet impjegata fis-settur pubbliku.

**Il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-attrici ghandha jedd tirreklama *lucrum cessans*.**

U bl-applikazzjoni tal-formula stabbilita bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Butler vs Heard**" kif sussegwentement raffinata u aggustata, din il-Qorti hija tal-fehma li favur l-attrici ghandu jigi likwidat bhala *lucrum cessans* l-ammont ta` **€29,160** mahdum kif gej :

| | |
|---|---|
| Salarju fiz-zmien tal-incident | €9981.36 |
| Salarju bazi ghall-multiplier | €12,000 |
| Multiplier | 27 |
| Dizabilita` | 10% |
| Lump sum payment | 10% |

Tibqa` l-kwistjoni tal-kura ghall-ugigh bhala ***recurrent expenditure*** li l-attrici qeghda tirreklama bhala *head of damages* distint kemm ghal *damnum* emergens kif ukoll bhala *lucrum cessans.*

Il-Qorti ghandha **prova** li fil-kaz tal-attrici l-kura kontra l-ugigh hija kostanti u mehtiega.

Tifhem ukoll li mhijiex dipendenti minn impedimenti ta` xoghol.

Hija koxjenti li l-qrati taghna akkordaw dawn l-ghamla ta` danni (ara Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Carmelo Mifsud vs Perit Vincent Cassar noe**" – 2 ta` April 1998 ; "**Elizabeth Grech et vs Mario Briffa**" – 21 ta` Frar 1997 ; u "**Paul Portelli vs Emanuel Scerri**" – 27 ta` Novembru 2006)

Wara li tat d-debita konsiderazzjoni ghal kull fattur rilevanti, il-Qorti qeghda takkorda dawn id-danni u tistabilixxi l-entita` taghhom *arbitrio boni viri* fl-ammont ta` **€4000**.

Ghalhekk id-danni tal-attrici jammontaw ghal **€33,160**.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tillikwida d-danni tal-attrici fl-ammont ta` tlieta u tletin elf mija u sittin Ewro (€33,160).**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-fondazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta` tlieta u tletin elf mija u sittin Ewro (€33,160) in linea ta` danni bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-fondazzjoni konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------